# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Illum, ħdax (11) ta' Diċembru 2024

Kawża Nru 540/2022

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

Vs

**George Mario Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **George Mario Farrugia**, iben Carmel u Josephine nee' Grima, imwieled, nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 1984 ġewwa r-Rabat Għawdex u residenti 'Ta' Toni Flats', Flat 2, Triq tat-Trux, Għarb, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24984(G)

talli nhar it-tnax (12) ta' Diċembru 2022, għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10.45hrs) waqt li kien qiegħed fi Triq Għajn Qatet, Rabat Għawdex u/jew f'dawn il-Gżejjer:

(1) attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma tixtieqx l-vjolenza pubblika kontra Joseph Muscat Uffiċjal ta' Transport Malta (TM244), persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe' Joseph Muscat, Uffiċjal ta' Transport Malta (TM244) waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Joseph Muscat, Uffiċjal ta' Transport Malta (TM244) skond ma' ċertifika Dr. Anselm Psaila M.D. Reg. No. 2493 minn poliklinika tar-Rabat Għawdex;[3]

---

[1] Artiklu 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 214 u 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja jew hedded lil LESA Officer 831 Luke Saliba u LESA Officer 872 Marvic Sultana;[4]

(5) u aktar talli fl-istess data, ħin u lok kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.[5]

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta ta' TM officer (TM244) Joseph Muscat, lil LESA Officer 831 Luke Saliba, LESA Officer 872 Marvic Sultana u l-familji tagħhom u dan ai termini tal-artikolu 382A, 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar id-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tal-għoxrin (20) ta' Frar 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

---

[4] Artikolu 399(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikolu 338(dd) tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tnax (12) ta' Diċembru 2022, għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10.45hrs), l-akkużat ipparkja l-karozza tiegħu ġewwa spazju ta' parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilita' fi Triq Għajn Qatet ġewwa r-Rabat Għawdex. Ftit metri l-bogħod minn fejn huwa ipparkja l-vettura tiegħu kien hemm l-*Enforcement Officer* tat-Transport Malta (TM244) Joseph Muscat li kien qed jidderieġi t-traffiku peress kien hemm Triq l-Arċisqof Pietru Pace magħluqa. Miegħu kien hemm preżenti ukoll LESA Officer 831 Luke Saliba u LESA Officer 872 Marvic Sultana.

Minn filmati miġbuda minn *CCTV cameras* li kienu jinsabu fl-akkwati, liema filmati ġew esebiti mill-Prosekuzzjoni, jidher li kif appena l-akkużat ipparkja u ħareġ mill-vettura tiegħu, huwa mexa fid-direzzjoni tal-uffiċjali pubbliċi minkejja li ma jidhirx li din kienet id-direzzjoni li fiha ried imur (għaliex sussegwentement huwa mexa fid-direzzjoni opposta) u deher li qed jgħidilhom xi kliem. Huwa imbagħad idur u jimxi fid-direzzjoni ta' Pjazza San Franġisk.

Sussegwentement l-uffiċjali tal-LESA sejjħu lill-imputat u dan jidher idur lura u jagħmel mossa oxxena fil-konfront tal-uffiċjali billi jmiss il-parti privata tiegħu. Mill-istess filmati jidher li Luke Saliba talab lill-imputat biex jara l-blue badge card tal-akkużat. Dan għaliex l-akkużat jidher joħroġ il-blue badge mill-vettura u jgħaddiha lill-istess uffiċjal. X'ħin l-uffiċjal Luke Saliba ra l-blue badge card u l-akkużat ħareġ idejh biex jieħu lura din il-card mingħand l-uffiċjal, l-uffiċjal Luke Saliba minflok għadda l-card lill-istess akkużat qabad u tefagħhielu fuq is-seat tax-xufier tal-vettura. F'dan il-punt l-akkużat jintilef f'dagħdiegħa u jmur b'mod aggressiv fid-direzzjoni tal-Uffiċjal tal-LESA possibilment biex jaggredieh. L-Uffiċjal ta' Transport Malta jidher iwaqqaf lill-akkużat milli javviċina lil LESA Officer Luke Saliba. L-akkużat jidher jirreżisti lil Joseph Muscat għax anke jtajjarlu idejh. F'din il-kommozzjoni kollha l-akkużat jitlef il-mobile minn idejh. L-uffiċjal ta' Transport Malta jidher jimbotta lill-akkużat sa x'ħin jasal sal-ħajt tal-Knisja ta' San Franġisk fi sforz sabiex jikkalmah u ma jħallihiex jersaq lejn l-uffiċjal Luke Saliba. L-akkużat jidher qed jattakka lill-uffiċjal ta' Transport Malta b'xi oġġett (li fix-xhieda tagħhom it-tlett uffiċjali jidentifikaw bħala ċavetta ta' vettura li tinfetaħ bħal flick knife) u l-uffiċjal ta' Transport Malta ma jibqax iżommu. L-akkużat jiġbor il-mobile li kien waqagħlu aktar qabel u jitlaq fid-direzzjoni ta' Pjazza San Franġisk filwaqt li baqa' jindirizza kliem fil-konfront tal-uffiċjali involuti.

Mill-filmati ma jinstema' l-ebda kliem. Pero mir-rapport li sar mill-uffiċjali involuti ftit wara li seħħ l-inċident huma stqarrew mal-Pulizija li l-akkużat

x'ħin wasal bil-vettura tiegħu kien mar fuqhom, qalilhom li kien hemm karozzi pparkjati illegalment f'żewġ parkeġġi riservati għal-persuni b'diżabilita' u indirizzahom bi kliem: *"Qiskom tlett boloh! Hemm żewġ karozzi ipparkjati illegalment fuq żewġ spazji tad-disabled morru w ħarrkuhom mhux qegħdin hawn, qiskom tlett iċċassati."* L-uffiċjali involuti sostnew wkoll li l-akkużat indirizza wkoll kliem oxxen fil-konfront tagħhom u anke qalilhom diskors fis-sens li kien sejjer jirrapportahom il-Ministeru biex itellfilhom xogħolhom.

L-Uffiċjal ta' Transport Malta Joseph Muscat aktar tard mar l-Għassa tal-Pulizija fejn ippreżenta certifikat mediku li per kawża tal-istess inċident huwa kien ġarrab ġrieħi ta' natura ħafifa.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel (1) Akkuża – Artikolu 96 tal-Kap. 9</u>**

L-artikolu 96 jattribwixxi ħtija għal:

> *"Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jewb'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkuntaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni*

*mogħti skont il-liġimill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati."*

Għalkemm sia l-artikolu 95 u sia l-artikolu 96 jirreferu għall-offiżi li jsiru fil-konfront ta' uffiċjali pubblici, dawn iż-żewġ reati huma distinti minn xulxin. Kull wieħed minnhom għandu elementi speċifiċi li japplikaw għal dak ir-reat partikolari u li jridu jiġu pruvati sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għall-sejbien ta' ħtija. Dan il-punt ġiet ribadit f'diversi sentenzi fosthom fil-kawża fl-ismijet ***Il-Pulizija vs Anthony Grech***:

> *"Il-Qrati tagħna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iż-żewġ reati. (ara The Police vs John Shayer et deciza fl-14 ta' Novembru 1959, Police vs Joseph Polidano – 7 ta' Frar 1966 Il-Pulizija vs Carmelo Zammit – 23 November 1959 fost oħrajn) "The difference to the two crimes envisaged under Sections 94 and 95 of the Criminal Code (illum 95 u 96) does not lie in the nature of the act, nor in the seriousness of the consequences, much less in the personal qualities of the injured person, but only in the character of the duties the injured person is performing at the time of the offence. Indeed Section 94 (illum 95) states "while in the act of discharging his duty or because of his having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such duty,' whilst section 95 (illum 96)*

*requires that the offence is committed when in the execution of the law or of a lawful order issued by a competent authority." (Police vs A.B. Michael Locking deciza 3 ta' Ottubru 1966).*

*Illi għalhekk filwaqt illi ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 huwa reat ta' oltraġġ lil uffiċjal pubbliku waqt il-qadi tas-servizz pubbliku tiegħu jew minħabba li ikun qiegħed jaqdi tali servizz, l-artikolu 96 jipotizza r-reat ta' attakk jew resistenza kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li dik il-persuna tkun qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi, jew ta' xi ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorita kompetenti. Illi din l-espressjoni hi differenti minn dik użata fl-artikolu 95(1) – waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dana is-servizz. (ara sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali – 9 Settembru 2002)"*[6]

Issir riferenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) vs Renald Briffa</u>***[7] fejn b'riferenza għall-artikolu 96, il-Qorti kienet irrimarkat:

[6] Deċiża fis-sebgħa (7) ta' April 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr Edwina Grima.
[7] Deċiża fis-27 ta' Frar 2013.

*“Illi l-artikolu 96, imbagħad, għalkemm ukoll għandu bħala vittma, l-uffiċjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta’ dana ir-reat:*

*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija minn xi awtorita’ għalhekk mhux suffiċjenti għal kummissjoni ta’ dana ir-reat. Il-Mamo ikompli igħid:*

*“It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.”*

*Fin-nuqqas ta’ dana jista’ jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.*

*Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun neċessarjament akkompjanta bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb.*

*Għalhekk insulti jew theddid qatt ma jistgħu iwasslu għal ħtija taħt dina id-disposizzjoni tal-liġi.*

*2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jiġi komess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew kif tgħid testwalment il-liġi "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti tagħmel referenza għal dak sottolinjat iktar 'il fuq u ċioe' illi huwa neċessarju illi għalkemm tali persuna mhux neċessarjament għandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapaċita li fiha qed taġixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija uffiċjal pubbliku hija neċessarja. Altrimenti il-mens rea għal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.*

*3. Fl-aħħarnett huwa neċessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir, filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli igħid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Mill-fattispecie ta' dan il-każ u mill-provi prodotti – għalkemm jirriżulta li effettivament l-akkużat aggredixxa lill-uffiċjal ta' Transport Malta Joseph Muscat u anke ikkaġunalu feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu b'ċavetta – ma jirriżultax li dan l-att sar biex l-akkużat jimpedixxi lill-uffiċjal ta' Transport Malta milli jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. L-uffiċjal ta' Transport Malta kien qiegħed fis-sit sabiex jidderieġi t-traffiku; pero l-inċident ma kien bl-ebda mod konness mal-esekuzzjoni tal-inkarigu li kien qed iwettaq dak il-ħin l-istess uffiċjal ta' Transport Malta. Li kieku l-uffiċjal kien qed jwettaq xi azzjoni fil-mansjoni ta' dmirijietu u l-akkużat aggredieh biex b'xi mod jipprova jwaqqfu jew ixekklu minn dik l-esekuzzjoni, allura kien jissussisti r-reat taħt dan l-artikolu. Imma la darba dan ma kienx il-każ, element essenzjali għall-sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu huwa nieqes. Ikun inutile għalhekk li din il-Qorti tinoltra ruħha fl-elementi l-oħra ta' dan ir-reat. Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tillibera lill-akkużat minn din l-ewwel akkuża.

- **<u>It-Tieni (2) Akkuża – Artikolu 95 tal-Kap. 9</u>**

L-Artikolu 95 tal-Kap. 9 jistabilixxi li:

> *"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz*

*pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (€ 800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)."*

Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija fit-termini ta' dan l-artikolu, irid jiġi pruvat li l-akkużat għamel xi waħda mit-tlett azzjonijiet identifikati fl-istess artikolu u ċioe li jew jkun insulta, jew hedded jew jkun ikkaġuna offiża fuq il-persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. Jekk il-Prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova xi waħda minn dawn l-azzjonijiet, allura dan jkun suffiċjenti għal sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu, dejjem jekk jkun hemm l-element intenzjonali rikjest.

Il-Professur Mamo huwa u jikkummenta fuq l-artikolu 93 tal-Kodiċi Kriminali (liema kummentarju huwa japplikah wkoll għall-artikolu 95) jistqarr li kwalsiasi insult jew theddida hija suffiċjenti biex tikkostitwixxi l-*actus reus* ta' dan ir-reat. Huwa essenzjali wkoll li l-insulti, it-theddid jew l-offiżi jkunu diretti kontra uffiċjal pubbliku waqt li dan jkun qed jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

Issir riferenza mill-ġdid għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) vs Renald Briffa*** fejn b'riferenza għall-artikolu 95, il-Qorti spjegat:

*"Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-uffiċjal pubbliku u l-inġurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2) jew inkella minħabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*Meta l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jeżerċita.*

*L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:*

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle*

*funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiż-żewġ istanzi l-oħra irid ikun jiġi ippruvat nexus bejn l-oltraġġ u il-qadi tal-funzjoni pubblika.."*

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Amante Camilleri*** ingħad wkoll:

*"Kif ġie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar**, deċiża fit-12 ta' Diċembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltraġġ ... hemm bżonn li l-kliem (jew ġesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt inġurjużi, kif ukoll hemm bżonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wieħed joffendi uffiċjal pubbliku. Hemm każijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jiġi preżunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se inġurjużi u tali li wieħed għandu raġonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-ħsieb li l-persuna li għaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun inġurjata, cjoe` bil-ħsieb li jintilef jew jitnaqqas il-ġieh ta' dik il-persuna."*

Mill-provi prodotti jirriżulta bl-aktar mod ċar u ampju l-elementi kollha tar-reat. L-akkużat ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa b'ċavetta fuq il-persuna tal-uffiċjal ta' Transport Malta Joseph Muscat. Dan ġie konfermat kemm mill-istess uffiċjal Joseph Muscat fix-xhieda li huwa ta kif wkoll mill-uffiċjali tal-LESA Marvic Sultana u Luke Saliba li raw lill-akkużat jagħmel użu miċ-ċavetta u jweġġa lill-istess uffiċjal. Għalkemm id-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha tallega li l-akkużat kien qiegħed jiġi imħabbat mal-ħajt mill-uffiċjal ta' Transport Malta Joseph Muscat, dan assolutament mhux il-każ. Huwa minnu li Joseph Muscat imbotta lill-akkużat biex huwa jbiegħdu mill-uffiċjal tal-LESA Luke Saliba. Iżda mill-filmati esebiti ma jirriżultax li uża forza aktar minn dik li kienet neċessarja fiċ-ċirkostanzi. Apparti minn hekk mill-istess filmati, hekk kif l-uffiċjal ta' Transport Malta wassal lill-akkużat fejn il-ħajt tal-Knisja, huwa jidher li jieqaf u ma jkomplix jimbotta lill-akkużat mal-ħajt. Lanqas ma jidher isabbtu mal-ħajt: Muscat kien sempliċiment qed iżommu fi sforz sabiex l-akkużat jikkalma. Grazzi għall-filmati li ġew esebiti, il-Qorti kellha l-opportunita li tara l-inċident minn żewġ perspettivi differenti. Il-Qorti rat anke l-filmat bil-mod u waqqfitu kemm -il darba biex tistabilixxi l-mod ta' kif seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konvinta li ma kien hemm l-ebda raġun għalfejn l-istess akkużat kellu jaggredixxi lill-Uffiċjal ta' Transport Malta Joseph Muscat.

Huwa minnu li l-akkużat kien irrabbjat għall-azzjoni ċara li għamillu l-uffiċjal tal-LESA Luke Saliba x'ħin deher jitfagħlu apposta l-blue card fil-vettura meta l-akkużat kien ħareġ idejh biex jeħodha minn id l-istess uffiċjal.

Għalkemm Luke Saliba fid-deposizzjoni tiegħu stqarr li l-akkużat irrifjuta li jieħu l-card mingħandu minħabba l-COVID, huwa ma kienx korrett f'dan. Mill-filmati jirriżulta biċ-ċar kif Saliba tefa' l-card fil-vettura tal-akkużat minkejja li l-akkużat kien ħareġ idu biex jeħodha lura. Għalkemm l-istess uffiċjal Luke Saliba seta' kien irrabbjat għall-kliem dispreġjattiv li l-akkużat kien indirizza fil-konfront tiegħu u tal-uffiċjali l-oħra li kienu miegħu meta dawn lanqas biss kienu kellmuh, dan ma kienx jawtorizzah li huwa jaqbad u jitfa' l-card fil-vettura tal-akkużat. Kien propju din l-azzjoni ta' Saliba li waslet sabiex is-sitwazzjoni eskalat.

Madankollu l-uffiċjal ta' Transport Malta Joseph Muscat – li dwaru tikkonċerna l-akkuża taħt l-artikolu 95 tal-Kap. 9 – kien estraneju għal din l-azzjoni li għamel Luke Saliba. L-akkużat bl-ebda mod u manjiera ma kien ġustifikat li huwa jattakka lil Joseph Muscat bil-mod kif attakkah u saħansitra jikkaġunalu feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu. Dan aktar u aktar meta l-istess Joseph Muscat fil-kwalita tiegħu ta' uffiċjal pubbliku li kien fuq il-post sempliċiment involva ruħu biex l-affarijiet ma jkomplux jeskalaw u kullma għamel biss kien li jipprova jevita li jkun hemm kuntatt fiżiku bejn l-akkużat u Luke Saliba u jikkalma lill-istess akkużat.

Mill-provi ħareġ wkoll kif qabel ma seħħet l-aggressjoni fiżika da parti tal-akkużat fil-konfront tal-uffiċjal Joseph Muscat u meta l-istess uffiċjali kienu għadhom lanqas biss ma kellmu lill-istess akkużat, l-akkużat mexa fid-direzzjoni tagħhom u għajjarhom ċassi, boloh u buffi. Din ma kinitx xi

konversazzjoni normali jew kliem li qed jindika nuqqas ta' qbil; kien kliem li intqal b'mod intenzjonat mill-akkużat fil-konfront ta' tlett (3) uffiċjali bl-iskop li jnaqqas ir-rispett u l-ġieh tal-istess uffiċjali. Dan għas-sempliċi raġuni li fi Pjazza San Franġisk kien hemm żewġ parkeġġi ta' persuni b'diżabbilita u li skont l-akkużat kienu ittieħdu minn persuni li ma kinux awtorizzati li jużawhom. L-akkużat ippretenda li l-uffiċjali kellhom jmorru jieħdu azzjoni fuq dawn l-infrazzjonijiet.

Il-Qorti hija konvinta li dan il-kliem intqal mill-akkużat lill-istess uffiċjali. Ix-xhieda tal-uffiċjali għar-rigward dan il-punt kemm fl-eżami kif wkoll in kontro-eżami u anke fil-verżjoni li huma inizjalment taw lill-Pulizija ftit ħin wara li kien seħħ l-inċident kienet waħda koerenti. F'dak l-istadju – meta l-inċident mertu ta' din il-kawża kien għadu qed jibda – żgur li ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn l-akkużat kellu jindirizza lill-uffiċjali b'dak il-mod. L-informazzjoni li kien hemm persuni li kienu ipparkjati illegalment f'parkeġġi riżervati għall-persuni b'diżabbilita, l-akkużat seta' għaddieha lill-istess uffiċjali b'mod ċivili. Ma kienx intitolat bl-ebda mod li huwa jiżvoga fil-konfront tat-tlett uffiċjali r-rabja tiegħu li l-parkeġġi tal-persuni b'diżabbilita kienu okkupati illegalment u li kellu joqgħod idur biex isib parkeġġ. L-akkużat seta' wkoll tramite l-fora opportuni ressaq ilmenti jekk deherlu li ż-żewġ uffiċjali ma kinux qegħdin jagħmlu xogħolhom sew. Pero żgur li ma kienx intitolat li jġib ruħu kif ġab ruħu. Ma jistax ma jiġix innutat wkoll kif l-istess akkużat hekk kif ġie imsejjaħ mill-uffiċjali tal-LESA biex tiġi verifikata l-blue card tiegħu, għamel mossi oxxenni fil-konfront tal-istess

uffiċjali. Finalment l-akkużat kompla wkoll għaddej bi kliem oxxen u dispreġġjattiv fil-konfront tal-uffiċjali billi anke indikalhom li kien se jara li jitkeċċew mix-xogħol. Dan l-aġir assolutament mhux tollerabbli kontra uffiċjali pubbliċi.

Mill-provi prodotti m'hemm l-ebda dubju li Joseph Muscat huwa uffiċjal ta' Transport Malta u li l-istess akkużat kien konxju tal-posizzjoni pubblika tiegħu, tant li hekk kif ipparkja fuq il-post mexa lejn id-direzzjoni tiegħu u tal-uffiċjali tal-LESA li kienu miegħu biex jikkritikahom talli skont hu ma kinux qegħdin jagħmlu xogħolhom sew, messaġġ li sfortunatament wasslu bi kliem dispreġjattiv għall-aħħar kif ġia ingħad. Żgur li l-akkużat ma kienx sejjer jmur jgħaddi dan il-messaġġ lil Joseph Muscat u liż-żewġ uffiċjali l-oħra li kieku ma kienx ben konsapevoli tal-posizzjoni pubblika tagħhom. Għalhekk it-tieni akkuża tirriżulta ampjament ippruvata.

- **<u>It-Tielet (3) Akkuża – Artikolu 214 u 221 tal-Kap. 9</u>**

Kif ġia ġie rilevat, din l-imputazzjoni wkoll tirriżulta pruvata. L-uffiċjal Joseph Muscat soffra feriti ta' natura ħafifa, liema feriti ġew kaġunati mill-istess akkużat bl-użu ta' ċavetta. Dawn il-feriti jirriżultaw wkoll miċ-ċertifikat mediku esebit li wkoll ġie konfermat bil-ġurament. Kif speċifika Dr Anselm Psaila fl-affidavit tiegħu, il-feriti kienu jikkonsistu biss f'girfa superfiċjali fuq in-naħa ta' wara tar-ras, in-naħa ta' isfel tal-lemin u li tali ferita kienet tikklassifika bħala waħda ta' natura ħafifa.

- **<u>Ir-Raba’ (4) Akkuża – Artikolu 339 (1) (e) tal-Kap. 9</u>**

Din l-akkuża tirriżulta wkoll fil-konfront taż-żewġ uffiċjali tal-LESA. Dan għaliex kif ġia indikat aktar ’l fuq l-akkużat meta mexa fid-direzzjoni tagħhom għall-ewwel darba għajjarhom “buffi”, “boloh” u “ċassi” u anke heddidhom li kien se jtellfilhom xogħolhom. Anke li kieku din il-Qorti tqis li l-kumment li l-akkużat indirizza fil-konfront tal-uffiċjali li kien se jtellfilhom xogħolhom kien reazzjoni qawwija għall-azzjoni li l-akkużat kien issubixxa mingħand l-uffiċjal Luke Saliba x’ħin dan tal-aħħar tefagħlu l-blue card fil-vettura minflok tahielu, xorta jibqa’ l-fatt li fil-bidu ma kien hemm l-ebda raġuni valida għalfejn l-akkużat ikellem lill-uffiċjali b’mod diżpreġjattiv.

- **<u>Il-Ħames (5) Akkuża – Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9</u>**

Il-ħames akkuża tikkonċerna l-ksur tal-buon ordni u l-paċi pubblika. Kif irrimarkat il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rocco D’ Alessandro**,[8] sabiex tinstab ħtija għall-kontravvenzjoni ravviżata fl-artikolu 339(dd) huwa fundamentali li *“jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f’moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew akkużat) dwar l-inkolumita` fiżika ta’ persuna jew dwar l-inkolumita` ta’ proprjeta`, kemm*

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta’ Mejju 2013 (Appell Kriminali Numru 223/2012). Riportata wkoll fis-sentenza fl-ismijiet The Police vs Joseph Feilazoo (Appell numru 44/2019) deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta’ Mejju 2019.

*b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib."*

It-tħassib dwar l-inkoluminita fiżika tal-persuna li dwaru titkellem il-ġurisprudenza tagħna tirriżulta f'dan il-każ. Dan għaliex l-uffiċjal Joseph Muscat kellu jintervjeni sabiex iżomm lill-akkużat milli jaggredixxi lill-uffiċjal Luke Saliba u b'hekk jevita milli l-affarijiet jkomplu jikbru. Għalhekk din il-kontravvenzjoni tirriżulta wkoll.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Huwa minnu li l-inċident eskala wara li l-uffiċjal Luke Saliba tefa' l-blue badge card fil-vettura tal-akkużat. Huwa minnu wkoll li l-akkużat għandu problemi ta' saħħa u hawn il-Qorti tissimpatizza miegħu. Pero dan kollu bl-ebda mod u manjiera ma kien jintitola lill-akkużat li huwa jġib ruħu bil-mod kif ġab ruħu partikolarment fil-konfront tal-uffiċjal Joseph Muscat, li fl-aħħar mill-aħħar kien biss qiegħed jipprova jikkalmah u xejn aktar. Għalhekk il-Qorti ma tqisx li l-kundizzjoni ta' saħħa tal-akkużat jew l-azzjoni ta' Luke Saliba għandhom iwasslu għal xi forma ta' mitigazzjoni fil-piena fir-rigward tat-tieni u t-tielet akkuża.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1) akkuża u qiegħda tilliberah minnha;

(b) wara li rat l-artikolu 17, 95, 214, 221(1), 338(dd) u 339(e) qed issib lill-akkużat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u l-ħames (5) akkuża u qiegħda tikkundannah għal multa komplessiva ta' **elf u ħames mitt ewro (€ 1,500)**.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' TM Officer 244 Joseph Muscat, LESA Officer 831 Luke Saliba u LESA Officer 872 Marvic Sultana kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' elf ewro (€ 1,000).

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**